# Il-Bir ta' San Pawl fiż-Żuntier

Mons. Ġwann Azzopardi

Fis-sena 1664 u sewwasew bejn l-14 ta' Settembru u l-31 ta' Ottubru , ġie jżur Malta kittieb u pittur Olandiż Willem Schellinks (1623-1678), li kien qed jakkompanja lil sinjur żagħżugħ Olandiż Jacques Thierry tul il-vjaġġ tiegħu ta' erba' snin fil-*Grand Tour* tiegħu fl-Ewropa biex iżommlu d-djarju tal-vjaġġ tiegħu. Fl-istess ħin Schellinks kellu wkoll kummissjoni minn ċertu Laurens Van Der Hem (1621-1678) biex iżomm disinji u tpinġijiet tal-postijiet u monumenti li jżur. Fis-sena 1983, ċertu publikatur Bernard Aikema stampa f'Ruma ktieb lussuż bit-titlu *Viaggo al Sud* li fih ippubblika diversi disinji ta' Malta mpinġija minn Schellinks, fosthom tnejn ta' madwar il-Parroċċa tar-Rabat, li żar fit-23 ta' Settembru 1664.

Kont fortunat li rnexxieli nixtri kopja ta' dan il-ktieb minn Ruma, u llum dan il-ktieb jifforma parti mil-librerija tal-Mużew Wignacourt.

Iż-żewġ disinji tar-Rabat juru bejniethom dawn l-istrutturi li se nsemmi: (1) il-Knisja Parrokkjali l-qadima tal-1575-1578; (2) parti mill-Knisja tal-lum; (3) id-daħla ta' għar misjub fl-1624 u mibdul f'kappella; (4) il-kappella tal-Madalena, għadha mimlija bl-għadam ta' meta tnaddfu l-oqbra; (5) il-Grotta ta' San Pawl, (6) għolja b'salib fuqha mnejn jingħad li kien jipprietka San Pawl, u (7) l-għajn jew bir ta' ilma ġieri li jingħad li kien ħareġ għat-talb ta' San Pawl.



Il-Bir ta' San Pawl kif pinġih Schellinks



Għajn Rażul f'San Pawl il-Baħar

Xi kummenti żgħar fuq dawn id-disinji: (1) ma kien għad hemm ebda bini ieħor iżda spazju kbir quddiem il-Knisja u z-Zuntier u (2) il-*campo santo* jew aħjar iz-zuntier kien għadu għalqa kbira testendi lejn Triq San Pawl wisq aktar mil-lum u għadha mhux delineata b'limiti. Dan ifisser li Cosmana Navarra kienet għadha ma għalqitx l-ispazju taz-Zuntier bħala dak il-monument sabiħ biż-żurżiegħa, bl-istatwa ta' San Pawl fuq pedestal f'livell għoli, u bil-balavostri min-naħat ta' Triq San Pawl u Triq il-Kbira. Ta' min iżid li aħna l-anzjani għadna niftakru li l-ħitan bil-balavostri taz-Zuntier kienu jestendu aktar 'il barra qabel ma ġiet imwessgħa kemm Triq San Pawl kif ukoll Triq il-Kbira. Il-livell tal-art kien aktar għoli u niftakruh bil-ħamrija. Dam hekk sa madwar l-1960.

Se nikkummenta fuq 'l hekk imsejjaħ **Bir ta' San Pawl** li hu komuni fit-tradizzjoni Pawlina ta' ħafna postijiet li żar San Pawl. Ġo Malta stess f'San Pawl il-Baħar insibu monument ċkejken magħruf bħala Għajn Rażul. Rażul hi kelma qadima flok Appostlu, jiġifieri Għajn l-Appostlu. Dan hu bir ta' żmien ir-Rumani bit-tradizzjoni jew leġġenda li San Pawl, wara n-nawfraġju għamel użu minnu

jew inkella ħareġ hu stess nixxiegħa ta' ilma biex in-nies ta' madwaru jixorbu u jkun ukoll jistgħu jitgħammdu. Dan ta' San Pawl il-Baħar kien bir Ruman li tkompla jintuża fil-Medju Evu, u li l-Gran Mastru Vilhena fl-1725 waqqaf fuqu monument bi statwa ta' San Pawl u skrizzjoni bil-Latin li aktar tard ġiet mibdula f'oħra.

Ħafna devoti kienu jixorbu minn dak l-ilma b'devozzjoni iżda dan ġie projbit madwar is-snin 1930 minħabba periklu ta' kontaminazzjoni. Dan ifakkarna fl-ilma ta' Lourdes li, bla ebda periklu ta' kontaminazzjoni, ħafna għadhom jixorbu minnu u jinħaslu fih b'devozzjoni.




***Il-Bażi tal-Bir li jinsab fil-Kripta tal-Madalena***

L-istess ngħidu għaz-Zuntier. Fil-kripta tal-Madalena għadu jidher bir Ruman, li l-ħajt tiegħu ġie miżjud fil-Medju Evu u kellu l-ħorża fuq iz-Zuntier. Uħud jiftakruha għax din tneħħiet biss madwar l-1960. Fl-imgħoddi minn dan il-bir kien jittieħed ħafna ilma. Ta' min isemmi li metal-bini tal-Kulleġġ (il-Mużew Wignacourt) kien fit-tieni fażi tal-bini tiegħu fis-snin 1706-1708 u kien għadhom ma tħaffrux il-bjar tiegħu, il-Kavalieri kienu jixtru l-ilma minn dan il-Bir u jħallsu lill-Parroċċa bil-prezz ta' 4 tari kull barmil. Fl-ewwel ġimgħa biss tax-xogħol inxtraw 250 barmil ilma.

It-tradizzjoni ta' 'Bir ta' San Pawl' hi mxerrda sew ħafna postijiet tal-kult Pawlin, pereżempju f'Siracusa, Reggio, Pozzuoli, u Solarino. Kienu jaħsbu li San Pawl seta' għamel użu minn dan l-ilma biex jgħammed.

Il-motiv profond hu li l-ilma hu l-*fons et origo* tal-ħajja. Sa mill-qedem iċ-ċiviltajiet kienu jemmnu fis-sagralità tal-ilma. Fil-mitoloġija Rumana tissemma' *Diana* bħala d-divinità tax-xmajjar u l-ilmijiet, għax fejn m'hemmx ilma m'hemmx ħajja.

Fil-Liturġija l-ilma jfakkar u jintuża fil-magħmudija: bħalma l-ilma jnaddaf il-ġisem mit-tbajja', hekk l-ilma tal-magħmudija jnaddaf lil ruħna mid-dnub. Fl-Għid aħna nbierku l-ilma, u fil-fontijiet tal-knejjes u fid-djar inżommu l-ilma mbierek. L-eżorċisti jgħallmuna li d-demonju jirritalja bl-ikrah meta jiġi afffaċċjat bl-ilma mbierek.

L-ilma tal-magħmudija fit-tagħlim ta' San Pawl jorbot ħafna mal-mewt u l-qawmien. "*Intom li tgħammidtu fi Kristu, tgħammidtu fil-mewt tiegħu; indfinna miegħu permezz tal-magħmudija fil-mewt tiegħu biex inqumu miegħu f'ħajja ġdida*" (Rumani 6, 3-4). Issa l-ilma taz-Zuntier, hekk imsejjaħ Bir ta' San Pawl, jinsab f'żona ċimiterjali fejn hemm tant oqbra u għadam tal-antenati nsara tagħna. Simbolikament mal-balavostri taz-zuntier hemm ukoll busti (ta' min jibża' wisq għalihom) tal-erwieħ tal-purgatorju fil-fjammi. Dan l-ilma simbolikament itaffi l-għatx tagħhom sa ma jaslu għall-premju tal-ġenna.

Nagħlaq b'osservazzjoni li kiteb fl-1990 il-Perit Jo Tonna fl-istudju tiegħu *Centre and Axis* fil-ktieb *St Paul's Grotto, Church and Museum at Rabat Malta* (ed. John Azzopardi) p.83: "*The building programme initiated by Cosmana Navarra, in fact, provided for the ordering of the chaotic sacred space outside the reconstructed church into a coherent monumental complex. For some obscure reason, the historical and symbolic value of the sacred well seems to have been overlooked and nothing was ever dome to monumentalize it but all the other memories of St Paul's presence were, architecturally speaking, upgraded in form and complexity*".

Kienet inizjattiva ta' min japprezzaha u f'waqtha li ġiet imqiegħda mill-ġdid l-istruttura simbolika ta' ħorża eleganti li tfakkar il-Bir ta' San Pawl fiz-Zuntier. Ħajr lill-benefattur, in-nobbli Peter Sant Manduca, Sindku tal-Imdina, li ffinanzjaha. Fil-ħorża hemm l-arma tal-familja Sant-Manduca. Ta' min ifakkar li l-familja Manduca kienet dejjem marbuta mal-Kult Pawlin fir-Rabat. Il-Ġiżwita Girolamo Manduca kien fost l-ewwel kittieba li kitbu fuq il-Grotta u l-Kult Pawlin. Is-sinjura Cornelia Manduca fis-seklu 17 ħalliet fit-testment li tindifen fiz-Zuntier. Bosta membri fil-familja Manduca kienu retturi u prokuraturi tal-Fratellanza tas-Sagrament. Dun Ġużepp Manduca u ħuh, il-Konti Mons. Salvatore Manduca, kienu benefatturi kbar tal-Knisja. Monsinjur Salvatore Manduca għandu mbagħad monument mill-isbaħ fl-irħam, magħmul mill-iskultur Giuseppe Valenti, fil-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl.

Jalla dan il-monument ċkejken mhux biss ifakkarna fil-ħidma ta' Missierna San Pawl fostna imma wkoll iħeġġiġna nagħrfuh aktar u nimxu b'fedeltà mat-tagħlim tiegħu.